MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 323/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Shelving Systems Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Jannar 2005, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira erbgha u ghoxrin centezmu (Lm238.24) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numri 21413040 kif jirrizulta skond l-annessi dokumenti hawn mmarkati bhala Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut noe iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut nomine naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma kif mitluba ta mitejn u tmienja u tletin lira erbgha u ghoxrin centezmu (Lm238.24) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------